MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 168/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmen Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmen Said talli fit-3/10/1999 ghall-habta tas-2.00 a.m. bhala persuna li f'isimha ghandha licenzja biex izzomm La Grotta Discotheque li tinsab fi triq Xlendi, Munxar, Ghawdex, ippermettiet li tindaqq muzika b'volum gholi fl-istess stabbiliment [u] b'tali volum dejjqet lil detenturi jew lin-nies li joqoghdu f'bini fil-qrib, u b'hekk kisret il-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja mahruga lilha mill-Kummissarju tal-Pulizija; il-prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija l-Qorti tapplika s-subartikolu [recte: paragrafu] (2) tal-artikolu [recte: regolament] 11 tal-Avviz Legali 124/95;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-qorti, wara li ghamlet referenza ghall-Artikolu 318 tal-Kap. 10, sabet lill-imsemmija Carmen Said hatja u kkundannatha ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25); dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni billi rriteniet “li mhix applikabbli fil-kaz odjern”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Carmen Said, minnha prezentat fit-12 ta’ Awissu 2004, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-10 ta’ Settembru 2004 l-appellanti, permezz tad-difensur taghha l-Avukat Dott. Vincent Galea, irtirat u cediet l-ewwel aggravju taghha u cioe` dwar in-nullita` tal-sentenza appellata. Fl-udjenza tal-5 ta’ Novembru 2004 l-appellanti eccepiet il-preskrizzjoni trimestrali u dan, fi kliem il-verbal stess, “peress illi f’aktar minn okkazjoni wahda ghaddew aktar minn tliet xhur bejn notifika u ohra”. Fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2005 l-appell gie differit ghas-sentenza. Hu evidenti li l-ewwel li trid tigi deciza hija l-pregudizzjali tal-preskrizzjoni.

Ghandu jinghad a propositu li bl-emenda introdotta fl-Artikolu 687 tal-Kodici Kriminali b’effett mill-1 ta’ Mejju 2002, ir-regim tal-preskrizzjoni fil-kawzi penali tbiddel radikalment. B’effett tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu, illum il-preskrizzjoni hija sospiza “mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta’ akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta’ dik l-imputazzjoni jew att ta’ akkuza”. Din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol fil-kwistjoni ta’ jekk din id-disposizzjoni l-gidia – cioe` s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 687 – ghandux japplika jew le ghall-kawzi kollha li kienu pendenti fl-1 ta’ Mejju 2002 – dak li hu cert hu li jekk qabel l-1 ta’ Mejju 2002 l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni skond ir-regoli allura fis-sehh, din id-disposizzjoni l-gdida

ma setax ikollha l-effett li tirravviva l-azzjoni (ara a propositu s-sentenza ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Jannar 2005 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lewis Cordina***). Jinghad ukoll li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li f’dan il-kaz l-imputazzjoni tipotizza reat jew reati li huma ta’ natura kontravvenzjonali b’mod li japplika l-paragrafu (f) ta’ l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, cioe` l-preskrizzjoni ta’ tlett xhur.

Issa, minn ezami tal-verbali u tal-atti kollha kif ukoll minn ezami tar-riferti ezibiti mill-prosekuzzjoni fl-istadju ta’ appell u wara li nghatat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jirrizulta li bejn meta l-appellanti deheret quddiem l-ewwel qorti fl-udjenza tat-23 ta’ Frar 2000 sa meta reghet dehret darb’ ohra fl-1 ta’ Novembru 2000 hija giet notifikata b’att interruttiv tal-preskrizzjoni tlett darbiet: fil-25 ta’ Marzu, 2000, fis-27 ta’ Mejju 2000 u fid-29 ta’ Settembru 2000. Hu evidenti li bejn dawn l-ahhar zewg notifiki kien hemm trapass ta’ aktar minn tlett xhur, u ghalhekk l-azzjoni waqghet preskritta.

Ghall-motivi premessi, tiqla’ l-pregudizzjali sollevata mill-appellanti u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija minhabba l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni kif fuq inghad.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------